# ID-DEVOZZJONIJIET MARJANI FIL-PARROĊĊA

minn P. Ġużepp Vella o.f.m.

F'din l-okkażżjoni tal-75 sena minn meta twaqqfet il-Parroċċa tagħna, xieraq li nagħtu ħarsa lejn id-Devozzjonijiet Marjani li kellna jew li għadhom jeżistu fil-Knisja parrokkjali. Dwar id-devozzjoni lejn, it-titular tagħna, il-Madonna tas-Sacro Cuor, m'għandniex għalfejn niktbu xejn speċjali, għax din id-devozzjoni hija tant għażiża u għal qalbna li saret parti minna. Mill-1877 sal ġurnata ta' llum għadha tkebbes qlubna bil-fiduċja u t-tama biex inqimuha bħala s-Sidt tal-Qalb ta' Ġesu.

*Il-Kwindiċina u l-Festa ta' Santa Marija.*

L-ewwel festa li Dun Pawl Vella beda jagħmel fil-kappella proviżorja kienet fl-1877, il-festa ta'Santa Marija. Qabel il-festa beda jagħmel il-qwindiċina bħala tħejjija għall-Festa. Fl-1880 ried jagħmilha aktar solenni mis-soltu. Għalhekk żejjen it-toroq ta' madwar il-knisja, speċjalment triq Santa Marija, xegħel il-faċċata tal-knisja u saħansitra nhar il-festa ġieb il-banda tal-Furjana biex tferraħ il-poplu. Din il-festa kienet issir Ħadd fuq l-Assunta.

*Il-Madonna tal-Karmnu*

Wara l-ftuħ tal-knisja, f'Lulju 1881, Dun Pawl għamel il-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Skond iċ-"Ċenni Storiċi" li kiteb Dun Pawl, insibu li qabel il-festa sar Tridu ta' tħejjija u nhar il-festa, filgħodu, Quddiesa kantata u fil-għaxija, priedka u barka Sagramentali. Maż-żmien bdew isiru l-Erbgħat ta' l-Udjenza li nqatgħu fl-1971 għax minflokhom bdew isiru l-Erbgħat solenni bħala tħejjija għall-festa titulari li ssir f'Lulju.

*Il-Festa tad-Duluri*

It-tieni festa lill-Madonna li ġiet iċċelebrata fil-knisja ġdida tagħna, kienet fl-1881, il-festa tad-Duluri fix-xahar ta' Settembru. Dun Pawl ħallielna miktub li qabel saru tlett ijiem Tridu. Saret Quddiesa kantata filgħodu u paneġierku fil-għaxija. Għal din il-festa ntrama għall-ewwel darba d-damask tal-knisja. Dwar din il-festa f' Settembru m'għandna ebda ħjiel iżjed. Imma fil-festa ta' Marija Addolorata fir-Randan kellna d-drawwa li l-istatwa tal-Madonna tinħareġ min-niċċa u tintrama fuq l-altar tal-Madonna tal-Karmnu u tibqa' r-Randan kollu. Fl-1960 bdiet issir Quddiesa f'nofs inhar. Kienet is-sena 1975 meta l-istatwa tad-Duluri harġet f'pellegrinaġġ waqt Via Sagra li saret fit-toroq lejliet Ħamis ix-Xirka. Fl-1985 bdiet issir fil-ġurnata tagħha l-purċissjoni, wara l-quddiesa ta' filgħaxija. Fl-1991 nħadmet statwa ġdida għall-purċissjoni. Numru kbir ta' nies jieħdu sehem f'din il-puċissjoni b'devozzjoni kbira. Il-festa tad-Duluri fir-Randan hija devozzjoni nazzjonali għalina l-Maltin.

*Id-Dehriet ta' Lourdes*

It-tifkira tad-dehriet ta' Lourdes bdew isiru fl-1927 meta nħadmet l-istatwa li

għandna fil-kappella tagħha. Fl-ewwel dehra kienet tintrama fuq l-altar maġġur taħt pavaljun. F'kull ġurnata tad-dehriet kienet tingħad il-kurunella tagħha wara l-barka sagramentali. F'dawn l-aħħar ftit snin beda jsir pellegrinaġġ "aux flambeaux" mad-dawra tal-knisja. Wara ssir quddiesa quddiem ix-xbiha tal- Madonna. Din is-sena l-Papa ddikjara l-11 ta' Frar (jum l-ewwel dehra) jum il-morda.

### *Il-Madonna ta' Fatima*

Kienet is-sena 1949 meta d-Djoċesi ta' Malta ġiebet statwa mqaddsa tal-Madonna ta' Fatima li ġiet inkurunata mill-Papa Piju XII. Din l-istatwa bdiet iddur il-parroċċi kollha ta' Malta. Fil-parroċċa tagħna, din l-istatwa, ġiet b'pellegrinaġġ "aux Flambeaux" mill-parroċċa ta' San Ġiljan nhar it-12 ta' Settembru u damet għall-qima tal-fidili sat-18 tax- xahar. Wara din il- miġja tqanqlet devozzjoni kbira. Għall-ewwel inxtrat statwa żgħira. Fl-1957 bil-ħidma tas-sinjura Carmela Ellul inġiebet statwa kbira bit-tlett itfal, maħduma fl-injam fil-Ġermanja. Kien isir quddies f'nofs inhar f'kull dehra. Kienet issir purċissjoni bil-vara daqqa fix-xahar ta' Ottubru u daqqa fix-xahår ta' Mejju. L-aħħar purċissjoni saret fit-13 ta' Mejju 1976.

### *Id-Devozzjonijiet tax-xahar ta' Mejju*

Id-devozzjoni tax-xahar ta' Mejju hija devozzjoni antika ħafna f' Malta. Dun Pawl Vella sa mill-1878, fil-kappella proviżorja kien jagħmel din id-devozzjoni. Fil-kitba tiegħu nsibu li dan ix-xahar ta' devozzjoni kien isir bħala tħejjija għall-festa liturġika tal-Madonna tas-Sacro Cuor, li dawk iż-żmenijiet, kienet issir fil-31 ta' Mejju. Dun Pawl kien jagħmel il-festa fl-ewwel Ħadd ta' Ġunju. Wara li tlestiet il-knisja u bdiet tiġi mmexxija mill-Patrijiet din id-devozzjoni kibret għax bdiet ssir b'mod tradizzjonali, bil-priedka kuljum filgħaxija u bil-kant tal-Litanija tal-Madonna. Din id-devozzjoni kienet għadha ssir ma' Malta kollha, sa ftit tas-snin ilu, sakemm bdiet isseħħ ir-riforma liturġika bid-dħul tal-Quddiesa kuljum filgħaxija. F'dan ix-xahar kienet u għadha ssir id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' pompei fit- 8 ta' Mejju. issir Quddiesa fil-11.30 a.m. u tingħad is-supplika tal-Madonna. F'dan ix -xahar għadha taħbat il-festa liturgika tat-titular tal-Parroċċa tagħna. Din issir l-aħħar Sibt tax-xahar. Kien propju għaxar snin ilu li beda jsir tridu ta' tħejjija u filgħaxija l-vara devota tagħna tinħareġ għall- pellegrinaġġ devozzjonali.

### *Il-Festa ta' l-Immakulata*

Bħala knisja mmexxija mill-patrijiet Franġiskani, ma tistax tonqos id-devozzjoni lejn Marija Immakulata. L-Ordni Franġiskan huwa marbut bis-sħiħ mad-Domma tal-Madonna mnissla mingħajr ħtija, minħabba d-duttrina favur dan il-privileġġ tal-Madonna, imxerrda mill-Beatu Franġiskana Giovanni Duns Scotus,

li dan il-Papa (f'Marzu li għadda), iddikjarah Beatu tal-Knisja. Għalhekk f'kull knisja Franġiskana hemm l-obbligu jew id-drawwa li l-festa tal-Kunċizzjoni għandha tiġi ċċelebrata b'sollennita kbira kull sena billi jsir Tridu ta' tħejjija qabel il-Festa. Fil-ktieb li għadu kif ġie ppubblikat dwar il-Parroċċa tagħna jidher ritratt ta' kif kienet armata l-knisja fl-okkażżjoni tal-50 sena mid-dikjarazzjoni tad-Domma. Dawn il-festi kienu saru f'Jannar tal-1904. F'Għeluq il-mitt sena, fl-1954 reġgħu saru festi speċjali fil-Parroċċa tagħna.

*L-Indulġenza tal-Porzjunkola*

San Franġisk kellu għal qalbu ħafna l-festa tal-Madonna "Santa Marija ta' l-Anġli", jew kif kien isejħilha hu stess il-knisja tal-Porzjunkola. B'xewqa tiegħu ried li din il-festa tkun għażiża għall-Patrijiet tiegħu kollha. Din il-festa issir fit-2 ta' Awissu. San Franġisk kien talab lill-Papa Onorju III biex jagħtih indulgenza għal kull min iżur il-Porzjunkola f'dik il-ġurnata. Il-Papa tah l-Indulġenza Plenarja "Toties Quoties" li tfisser li l-Indulġenza Plenarja tintrebaħ kull darba li wieħed jagħmel vista. Dan il privileġġ tal-Porzjunkola għadda għall-knejjes Franġiskani kollha. Għalhekk sa mill-1882 fil-knisja tagħna bdiet tintrebaħ din l-Indulġenza speċjali. Fl-1 ta' Awissu, meta l-Patrijiet kienu jgħidu l-Vespri, kienet issir it- Translazzjoni tar-Relikwija tal-Madonna, mill-altar ta' San Frangisk, għall-altar maġġur bil-kant ta' l-innu tal-Madonna. L-altar maġġur ikun armat bil-fjuri u erba'xemgħat jixegħlu kontinwu. Minn dak il-ħin kienet tista tintrebaħ l-Indulġenza li kienet tista' tiġi applikata b'suffraġu għall-erwieħ tal-purgatorju. Għalhekk fil-għaxija u fit-2 ta' Awissu, l-ġurnata kollha, kont tara nies, min waħdu jew fi gruppi, jagħmlu l-visti billi jidħlu minn bieb u joħorġu minn ieħor. Kull darba ssir vista lil Ġesu Sagramentat u Pater Ave u glorja skond l-intenzjoni tal-Papa. Din il-festa għadha issir imma minħabba it-tibdil liturġiku l-Indulġenza tintrebaħ darba biss u mhux aktar kif kienet qabel.

Tajna ħarsa lejn id-devozzjonijiet marjani li għandna fil-parroċċa. Il-Madonna hija waħda imma titqiem taħt ħafna titli differenti. F'dan l-anniversarju għażiż tal-Parroċċa inġeddu l-impenn tagħna li nibqgħu devoti tal-Madonna. It-titlu sabih tal-Parroċċa tagħna: "Il-Madonna tas-Sacro Cuor" biex ngħid hekk, jiġbor fih it-titli kollha li għandha l-Madonna. Joffrilna devozzjoni lejn il-Madonna nnfisha u fl-istess ħin devozzjoni lejn il-Qalb ta' Binha Ġesu. Minn din il-Qalb il-Madonna xxerred il-grazzji fuq kull min jersaq lejha u jitlobha b'qalb sinċiera u niedma. Ma nħallu lil ħadd jisirqilna minn qalbna jew iberridna minn din id-devozzjoni li tant tkebbes il-qalb ta' wlied il-parroċċa tagħna.